

Mistoqsija għal tweġiba orali O-000102/2018

lill-Kummissjoni

Artikolu 128 tar-Regoli ta' Proċedura

Renate Sommer, Pavel Poc, Mark Demesmaeker, Catherine Bearder, Keith Taylor, Stefan Eck, Julia Reid, Joëlle Mélin

f'isem il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel

Suġġett: Il-kummerċ illegali tal-annimali tal-kumpanija fl-UE

Kull sena għadd sinifikanti ta' annimali tal-kumpanija jiġu nnegożjati illegalment bejn l-Istati Membri, ta' sikwit bi ksur tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-moviment tal-annimali domestiċi (Regolament (UE) Nru 576/2013), li hija maħsuba għall-movimenti mhux kummerċjali tal-annimali domestiċi. Il-moviment kummerċjali tal-annimali bejn il-fruntieri għandu jsir skont id-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE.

It-traffikar tal-annimali domestiċi għandu implikazzjonijiet negattivi fuq is-saħħa pubblika, il-benesseri tal-annimali u l-protezzjoni tal-konsumatur. Dan sar sors ewlieni ta' dħul għall-kriminalità organizzata internazzjonali u qed jaffettwa wkoll il-funzjonament bla xkiel tas-suq intern tal-UE minħabba taxxi mitlufa u l-ħolqien ta' kompetizzjoni inġusta, b'mod partikolari biż-żieda tal-bejgħ online ta' annimali domestiċi, sitwazzjoni li la hija regolata sew fil-livell nazzjonali u lanqas mil-liġi tal-UE. Tabilħaqq, uħud mill-NGOs jikkalkulaw li min irabbi l-klieb tar-razza għall-bejgħ illegali bejn il-fruntieri għandu l-possibbiltà li jagħmel profitti ta' 'l fuq minn EUR 100 000 fis-sena.

1. Il-Kummissjoni meta qed tippjana li tadotta pjan ta' azzjoni transettorjali tal-UE biex tindirizza l-kummerċ illegali tal-annimali tal-kumpanija fl-UE?
2. Il-Kummissjoni qed tippjana li tippreżenta, permezz ta' att delegat taħt il-Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali, proposta għal sistemi dettaljati u kompatibbli ta' identifikazzjoni u reġistrazzjoni tal-qtates u l-klieb f'bażijiet ta' data fl-Istati Membri, li għandhom ikunu konnessi permezz ta' pjattaforma tal-UE?

Imressqa: 17.9.2018

Mgħoddija: 19.9.2018

L-iskadenza għat-tweġiba: 26.9.2018